**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2025

Rikors Ġuramentat: 204/23 AL

**A B**
(K.I.107680(A)

**vs.**

**Dr. Tanya Sciberras Camilleri bhala mandatarja speċjali ta' C B li gie korrett ghal D E B b'digriet tat-28 ta' Novembru, 2024 u b'digreit tas-16 ta' April 2024 l-istess D E B assuma l-atti f'ismu minflok Dr.Tanya Sciberras Camilleri**

K.I. 017678(A)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi fit-30 ta' Awwissu 2023 li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi, l-kontendenti huma ta' nazzjonalità Ingliża u żżewġu nhar it-**08.06.2013** ġewwa l-knisja parrokkjali ta' San Mattew u San Luqa, f' Chadderton fid-distrett ta' Oldham;

2. Illi, l-kontendenti ġew Malta fis-sena **elfejn u tlettax (2013)** u għalhekk sa dak in-nhar il-kontendenti kienu għad ma stabbilixxewx ir-residenza tagħhom f'Malta u konsegwentement iż-żwieġ tagħhom ma kienx regolat skond id-dispożizzjonijiet tal-**Art. 1316 *et seq*., Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sa dak in-nhar;

3. Illi, sussegwentement il-kontendenti xtraw u akkwistaw l-appartament numru tlieta (3) *li jinsab ġewwa Nru 63, 'Frendo Flats', Triq il-Parroċċa, Naxxar,* u dan permezz ta' kuntratt ta' xiri u akkwist iddatat **it-22.10.2019** in atti Michael Laferla, Nutar Pubbliku f'Malta, għal liema xiri ittieħed self bankarju, kopja ta' liema kuntratt jinsab hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'A'**;

4. Illi, l-proprjetà *de quo* tinsab għal bejgħ u preżentement hija suġġett ta' konvenju iffirmat bejn il-partijiet nhar it-**03.05.2023**, kopja ta' liema konvenju huwa hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'B'**;

5. Illi l-konvenut wassal għal din is-separazzjoni minħabba eċċessi, moħqrija, sevizzi, theddid, offiżi gravi u/jew raġunijiet oħra li huma suffiċjenti għal daqshekk skont il-liġi;

6. Illi, l-kontendenti ġew debitament awtorizzati illi jippreżentaw kawża ta' separazzjoni b' digriet f'dan is-sens mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fit-**30.06.2023** (***vide* DOK 'C'**).

7. Illi z-żwieġ tal-kontendenti kien diġà jinsab f' diffikultajiet serji minħabba l-imġieba tal-konvenut meta l-kontendenti ġew Malta iżda tkisser kompletament meta l-kontendenti stabbilew ġewwa Malta minħabba n-nuqqas ta' kura u attenzjoni, psikopatika u immorali tiegħu b'attakki estremi u tgħajjir fuq il-persunalità tagħha estremi li wasslet li saħansitra kellha taċċetta l-adulterju tiegħu;

8. Illi, l-konvenut, bl-għemil u imġieba tiegħu ġiegħel lill-attriċi titlaq mid-dar matrimonjali fejn marret tgħix ma ħabiba tagħha fit-**28.04.2022** u saħansitra fid-**29.06.2022**, l-konvenut telaq minn Malta;

9. Illi, f'erba' snin hu ħallas biss tlett darbiet is-sehem tiegħu mis-self bankarju dovut fuq il-proprjetà u ċjoe dawk tax-xhur ta' Marzu, April u Mejju tas-sena 2022 u għaldaqstant l-attriċi għandha tiġi rifuża l-ammonti li ħallset għas-sehem kollu tas-self li ħallset hi għal benefiċċju tiegħu, u dan kif ser jintwera waqt is-smigħ u trattazzjoni ta' din il-kawża;

10. Illi, stante li kien l-konvenut li ta lok għas-separazzjoni bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-**Art. 38 u 41, Kap. 16**, l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti għandha tiġi ddeterminata *ai termini* tal-**Art. 48, Kap. 16**;

Għaldaqstant, wara li jiġu ikkunsidrati 'l-provi kollha prodotti flimkien ma' dan ir-rikors u dawk produċibbli fl-istadju opportun tas-smigħ ta' din il-kawża, jgħid issa il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

i. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli unikament lill-konvenut u, għal-finijiet tal-**Artikolu 48(c)**, **Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili)**, tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenut għandu jkun kunsidrat li minnha kien ħati tal-firda minħabba l-eċċessi, moħqrija, theddid u offiżi gravi u/jew raġunijiet oħra illi jwasslu għal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 48, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili)**.

ii. tawtorizza lill-attriċi illi tgħix separata mill-konvenut żewġha.

iii. tapplika kontra l-konvenut, in toto jew in parti, skont kif jidher xieraq lill-dina l-Onorabbli Qorti wara li tqis l-imgieba tal-konvenut, id-dispożizzjonijiet tal-**Artikolu 48, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi Ċivili)**;

iv. tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attriċi l-beni kollha parafernali tagħha u, okkorrendo, tordna illi l-attriċi jkollha l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tagħha;

V. tittermina u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-assi u d-djun kompriżi fl-istess komunjoni tal-akkwisti;

vi. tillikwida kull somma ta' flus illi l-konvenut ikun, sa dakinhar tas-sentenza eventwali ta' dina l-Onorabbli Qorti, ħa mill-komunjoni akkwisti jew xort' oħra minn flus komunement miżmuma mill-partijiet jew għall-benefiċċju konġunt tagħhom, biex iħallas djun illi, mix-xorta tagħhom, ma

kienux dawk illi għandhom jgħabbu l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jew xort' oħra ġew approprjati mill-konvenut għall-użu esklussiv tiegħu minflok ġew applikati għall-bżonnijiet komuni tal-partijiet jew għall-ħlas ta' dejn komuni tal-partijiet, u tordna lill-istess konvenut sabiex iħallas lill-komunjoni tal-akkwisti dawk is-somom hekk likwidati, ukoll bi tnaqqis tal-istess somma mill-ġid assenjat lill-konvenut;

vii. tordna lill-konvenut sabiex jirrifondi lill-attriċi dawk l-ammonti mħallsa minnha akkont tal-ħlas tad-djun komuni;

viii.tordna li l-istess ġid u djun komuni, akkumulat u likwidat skont kif maħsub fit-talbiet preċedenti jew xort' oħra kif ordnat mill-qorti, jiġu maqsuma f żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista, *inter alia* f dak illi jirrigwarda l-ġid ġej mill-komunjoni tal-akkwisti, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oġġetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess konvenut għandu jkun kunsidrat li minnha kien ħati tal-firda, liema porzjonijiet illi għandhom jiġu assenjati waħda lill-konvenut u l-oħra lill-attriċi;

ix.tawtorizza lill-attriċi illi tirreġistra s-sentenza eventwalment mogħtija minn dina l-Qorti fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk inkorsi mill-attriċi fil-proċeduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenut illi huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ D E B tas-16 ta’ April, 2024 li permezz tagħha espona:

1. Illi fl-ewwel lok jagħti ruħu b'notifikat bir-rikors ġuramentat u jassumi l-atti f'ismu u għalhekk, dan għandu jiġi rifless fl-okkju;

2. Illi fit-tieni lok, huwa jismu "D B" u mhux "C B" u ghalhekk, dan ukoll ghandu jigi rifless fl-okkju tal-kawza;

3. Illi fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti jeċċepixxi illi huwa jaqbel li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali

bejn il-kontendenti, iżda' dan mhux għar-raġunijiet premessi minnha stante illi l-ħtija għandha tiġi attribwita unikament lir-rikorrenti, u dan hekk kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Għalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu jimputaw xi tort lill-esponenti għall-ksur tal-ħajja miżżewġa tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, u hija r-rikorrenti li għandha tinstab ħatja tal-firda tal-kontendenti, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Illi l-esponenti jaqbel illi l-partijiet jiġu awtorizzati jgħixu separatament minn xulxin;

5. Illi fir-rigward tat-tielet talba, l-esponenti umilment jeċċepixxi illi ma jeżistux iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom għandhom jiġu applikati l-effetti tad-disposizzjonijiet kontemplati fil-liġi ċitati mir-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti, iżda' semai l-imsemmija effetti tad-disposizzjonijiet u sanzjonijiet għandhom jiġu applikati fil-konfront tar-rikorrenti stante illi hija unikament ħatja għat-tifrik taż-żwieġ bejn il-partijiet, kif ser jigi ppruvat;

6. Illi fir-rigward tar-raba' talba, l-esponenti jirrileva illi huwa m'għandu l-ebda beni parafernali tar-rikorrenti fil-pussess tiegħu;

7. Illi b'referenza għall-ħames u t-tmien talba tar-rikorrenti, filwaqt illi l-esponenti jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti tiġi tterminata, xolta, u llikwidata u tinqasam f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lill-esponenti u l-oħra lir-rikorrenti, huwa qiegħed jopponi li huwa ħati tal-firda bejn il-partijiet, mentri hija r-rikorrenti li hija unikament responsabbli għall-ksur taż-żwieġ bejn il-kontendenti. L-esponenti umilment jirrileva illi huwa bla ebda mod m'għandu jbati xi nuqqasijiet fil-likwidazzjoni tal-istess komunjoni u, in oltre', dina l-Onorabbli Qorti għandha tistabbilixxi data minn meta r-rikorrenti titqies li ddekadiet minn kull akkwist magħmul bix-xogħol u l-ħila tal-esponenti;

8. Illi l-esponenti jikkontesta b'mod assolut is-sitt talba tar-rikorrenti, liema talba għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha, billi ma ha ebda somma ta' flus mill-komunjoni tal-akkwisti jew flus komuni biex iħallas xi dejn illi, mix-xorta tiegħu, ma kellux jgħabbu l-komunjoni tal-akkwisti. In oltre', l-esponenti umilment jirrileva illi huwa għandu kreditu parafernali kontra l-komunjoni tal-akkwisti, u dan hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

9. Illi s-seba' talba għandha tiġi miċħuda peress illi hija insostenibbli;

10. Illi l-esponenti jaqbel mad-disa' talba u ċioe' illi l-eventwali sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku;

11. Illi l-esponenti jirrileva illi, stante c-cirkostanzi tal-kaz, huwa qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza u qed jintavola kontro-talba u, fi kwalsiasi kaz, m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

12. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li hija nġunta minn issa għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro talba ġuramentata ta' D E B fejn ppremetta;

1. Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mid-dritt li jippreżenta kontro-talba ai termini tal-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ fit-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) ġewwa Oldham, l-Ingilterra, u minn dan iż-żwieġ ma tweldux tfal;

3. Illi l-kontendenti ġew jirrisjedu f'Malta fis-sena elfejn u tlettax (2013) u konsegwentement iż-żwieġ u l-assi tagħhom huma regolati skond id-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 1316 et sequitur tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-komunjoni tal-akkwisti għandu jitqies li ġie fis-seħħ minn dik id-data illi jitqies illi stabbilew ruħhom hawn Malta;

4. Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tfarrak u tkisser irremedjabbilment minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, sevizzi, theddid, offiżi gravi u/jew raġunijiet oħra validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibli u jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lir-rikorrenti rikonvenzjonata;

5. Illi matul iż-żwieġ, il-konvenut rikonvenzjonant kien ivversa flejjes parafernali tiegħu lill-komunjoni tal-akkwisti, partikolarment sabiex ġiet akkwistata d-dar matrimonjali u ċioe' l-appartament numru tlieta (3) li jinsab ġewwa Nru 63, "Frendo Flats" Triq il-Parroċċa, Naxxa u

konsegwentment, hemm kreditu dovut favur tiegħu kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu bl-istanti permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat it-tletin (30) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), liema digriet jinsab eżebit u anness mar-rikors promotur u mmarkat bħala Dok. C;

Għaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti rikonvenzjonata A B u, għall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tistabbilixxi d-data meta l-istess rikorrenti rikonvenzjonata għandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda minħabba adulterju, eċċessi, moħqrija, sevizzi, theddid, offiżi gravi u/jew raġunijiet oħra illi jwasslu għall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant C B illi jgħix separat mir-rikorrenti rikonvenzjonata martu;

3. Tapplika kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata, in toto jew in parti, skont kif jidher xieraq lil dina l-Onorabbli Qorti wara li tqis l-imġieba tar-rikorrenti rikonvenzjonata, id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonata tikkonsenja lill-konvenut rikonvenzjonant l-beni kollha parafernali tiegħu u, okkorrendo, tordna lill-konvenut rikonvenzjonant jkollu l-amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu;

5. Tittermina u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tillikwida l-assi u d-djun kompriżi fl-istess komunjoni tal-akkwisti;

6. Tillikwida kull kreditu parafernali dovut lill-konvenut rikonvenzjonant, partikolarment għall-ħlasijiet magħmula mill-istess konvenut rikonvenzjonant sabiex ġiet akkwistata d-dar matrimonjali tal-kontendenti u ċioe' l-appartament numru tlieta (3) li jinsab ġewwa Nru 63, "Frendo Flats" Triq il-Parroċċa, Naxxar, u tikkwalifika l-istess bħala kreditu tal-

istess konvenut rikonvenzjonant kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti;

7. Tordna li l-istess ġid u djun komuni, akkumulat u likwidat skont kif maħsub fit-talbiet preċedenti jew xort' oħra kif ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti, jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti in vista*, inter alia*, f'dak illi jirrigwarda l-ġid ġej mill-komunjoni tal-akkwisti, tad-dati tal-akkwist tad-diversi assi, attiv u passiv formanti l-istess komunjoni, id-data stabbilita minn din il-Qorti bħala d-data meta l-istess rikorrenti rikonvenzjonata għandha tkun ikkunsidrata li minnha kienet ħatja tal-firda u kwalunkwe kreditu parafernali dovut lill-konvenut rikonvenzjonant, liema porzjonijiet għandhom jiġu assenjati waħda lill-konvenut rikonvenzjonant u l-oħra lir-rikorrenti rikonvenzjonata, okkorrendo għall-finijiet ta' dina t-talba, jiġi nominat perit sabiex jillikwida l-istess assi u kwalunkwe kreditu parafernali dovut lill-konvenut rikonvenzjonant, jipproponi pjan ta' diviżjoni, u nutar sabiex jippubblika l-att relttiv u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

8. Tawtorizza lill-konvenut rikonvenzjonant jirreġistra s-sentenza eventwalment mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata li hi minn issa ngġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonat;

Ikkunsidrat :

Rat in-nota konġunta ta' cessjoni ippreżentata mill-partijiet, li permezz taghha l-attrici ċediet it-talbiet kollha kontra l-konvenut u l-konvenut ceda l-kontro-talbiet kollha kontra l-attrici, filwaqt li z-zewg partijiet żammu ferm it-talba taghhom sabiex dawn il-proceduri ta' separazzjoni jiġu kkonvertiti ghal proċeduri ta' divorzju.

Rat ir-rikors konġunt tal-partijiet tas-27 ta' Novembru 2024 illi permezz tieghu talbu sabiex il-proceduri jigu konvertiti minn proceduri ta' separazzjoni ghal proceduri ta' divorzju.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Novembru 2024, li permezz tieghu pprovdiet illi kienet ser tiddekreta l-ewwel talba fil-gudizzju finali.

Il-Qorti rat li ghalkemm saret talba sabiex is-sentenza tingħata fil-lingwa Ingliza, din mhijiex ser tiġi milqugħa stante li l-atti kollha huma fil-lingwa Maltija.

Il-Qorti, wara li rat in-nota ta' ċessjoni kemm tat-talbiet prinċipali kif ukoll tat-talbiet kontenuti fil-kontro-talba ħlief għall-ewwel talba rikonvenzjonali, qieghda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha kontenuti fir-rikors ġuramentat kif ukoll dawk kontenuti fil-kontro-talba ħlief għall-ewwel talba.

Il-Qorti rat illi l-ewwel talba, u ċioe` illi minflok pronunzjament ta' separazzjoni ikun hemm pronunzjament ta'divorzju, għandha tintlaqa` peress illi ż-żewġ partijiet ippruvaw illi jinsabu *de facto* separati ċertament sa mit-30 ta' Awwissu 2023, meta ġiet ippreżentata l-kawża odjerna.

Illi l-partijiet ippruvaw ukoll illi ma hemmx prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet kollha principali kif ukoll dawk kontenuti fil-kontro-talba hlief ghall-ewwel talba principali u ghall-ewwel talba kontenuta fil-kontro-talba, qieghda tilqa` tali talba prinċipali u rikonvenzjonali kif intqal.

Ghalhekk, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.